MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1028/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Leonard Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm298.72) rappresentanti hlas ghal servizz telefoniku li jgib in-numru 21647208 (CN355303 a/c 10163610), liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali Blk.G F/4, Qasam tal-Menhir, Kirkop, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, skond prospett anness ma'l-avviz immarkat bhala Dokumenti A u B u il-kuntratt relattiv, immarkat bhala Dokument C.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm298.72), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------